# MID-DJARJU TA' L-GĦAQDA: IS-SENA 1989

JOSEPH BORG

| | |
|---|---|
| 6 ta' Jannar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 13 ta' Jannar: | Seminar Letterarju: Studju fuq poeżiji diversi barranin |
| 20 ta' Jannar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 27 ta' Jannar: | Analiżi fuq il-film "E la Nave Va" ta' F. Fellini. |
| 30 ta' Jannar: | Stampati 10,000 stiker ta' Dun Karm għall-ġbir fl-iskejjel għall-monument tal-poeta nazzjonali. |
| 2 ta' Frar: | Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex jiġi emendat u approvat l-istatut il-ġdid ta' l-Għaqda tal-Malti |
| 6 ta' Frar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 13 ta' Frar: | Konferenza stampa mill-Għaqda fl-Università lill-ġurnali kollha u l-mezzi tax-xandir. |
| 17 ta' Frar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 18 ta' Frar: | Miftuħ kont "Savings" fil-Mid-Med Bank Ltd. fergħa ta' Ħal Balzan bin-numru: 114045551 |
| 27 ta' Frar: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 10 ta' Marzu: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 17 ta' Marzu: | Seminar Letterarju fuq poeżiji ta' Rilke u Rimbaud. |
| 17 ta' Marzu: | Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni jilqa' t-talba ta' l-Għaqda tal-Malti biex ikun jista' jsir ġbir fl-iskejjel kollha governattivi għall-monument nazzjonali lil Dun Karm. |
| 7 ta' April: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 12 ta' April: | Għajnuna finanzjarja mogħtija lill-Għaqda tal-Malti mill-Mid-Med Bank Ltd., sabiex jiġi pubblikat mill-ġdid "Leħen il-Malti." |
| 14 ta' April: | Seminar Letterarju: Studju fuq poeżiji ta' Baudelair. |
| 18 ta' April: | Maħruġ "Ħabbâr l-Għaqda tal-Malti" Nru. 1. |
| 20 ta' April: | Lejla letterarja b'temi ġenerali. |
| 21 ta' April: | Laqgħa tal-Kumitat |
| 28 ta' April: | Seminar Letterarju: Analiżi strutturali ta' "Qtigħ il-Qalb" ta' Anastasju Cuschieri. |
| 5 ta' Mejju: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 12 ta' Mejju: | Seminar Letterarju: Letteratura Eżistenzjalista. |
| 13 ta' Mejju: | Miftuħ kont "Savings' ieħor fil-Mid-Med Bank Ltd., fergħa ta' Ħal Balzan bin-numru 114047287 bħala fond għall-ġbir ta' flus għall-monument Dun Karm. |
| 2 ta' Ġunju: | Seminar Letterarju: Analiżi ta' "Wied Qirda" ta' Dun Karm. |

| | |
|---|---|
| 8 ta' Ġunju: | Joħroġ "Leħen il-Malti" għadd 23. |
| 1 ta' Lulju: | Laqgħa tal-Kumitat |
| 15 ta' Lulju: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 28 ta' Lulju: | Is-Sur Ġorġ Said (President) intervistat fuq Radju Malta minn Karmen Cacopardi Marjani dwar l-attivitajiet ta' l-Għaqda tal-Malti. |
| 29 ta' Lulju: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| Awissu: | Jitqassam l-bottijiet fil-fergħa kollha tal-Mid-Med Bank Ltd., sabiex isir ġbir għall-monument Dun Karm mill-pubbliku ġenerali. |
| 12 ta' Awissu: | Laqgħa tal-kumitat |
| 1 ta' Settembru: | Maħruġ "Ħâbbar l-għaqda tal-Malti" Nru.2. |
| 5 ta' Settembru: | "Jum l-Istudent" fl-Università fejn fih ħadet sehem ukoll l-Għaqda tal-Malti. |
| 9 ta' Ottubru: | "Ix-Xitla" – programm fuq Radju Malta fejn fih ġew intervistati l-President is-Sur Ġorġ Said u t-Teżorier is-Sur Joseph Borg dwar il-ħidmiet ta' l-Għaqda. |
| 6 ta' Ottubru: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 27 ta' Ottubru: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 3 ta' Novembru: | Seminar Letterarju: Analiżi ta' poeżija ta' Thomas Gray. |
| Novembru: | Matul dan ix-xahar beda jsir it-tqassim tal-bottijiet fl-iskejjel governattivi kollha għall-ġbir tal-flus għall-monument Dun Karm. Dawk l-istudenti li taw kontribuzzjoni ngħataw stiker ta' Dun Karm. Dan sar bil-għajnuna ta' l-istudenti tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni flimkien ma' Miss Mary Rose Gatt. |
| 10 ta' Novembru: | Lejla Letterarja: "L-Għanja tal-Baħar." |
| 10 ta' Novembru: | Għajnuna finanzjaraja (Lm120) mill-Università lill-Għaqda tal-Malti. |
| 17 ta' Novembru: | Laqgħa Ġenerali Annwali. |
| 24 ta' Novembru: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 9 ta' Diċembru: | Laqgħa ta' l-Għaqda tal-Malti ma' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-Kurja dwar il-qagħda ta' l-ilsien Malti fl-iskejjel tal-Knisja. |
| 15 ta' Diċembru: | Laqgħa tal-Kumitat. |
| 27 ta' Diċembru: | Laqgħa tal-Kumitat. |

## L-GĦAQDA TAL-MALTI GĦALL-ISTUDENTI KOLLHA

L-Għaqda tal-Malti (Università) hi miftuħa għall-istudenti kollha ta' l-Università. Illum l-Għaqda għandha għadd kbir ta' msieħbin minn Fakultajiet differenti. L-għanijiet tagħha huma li xxerred l-għarfien ta' l-ilsien Malti fl-oqsma kollha tal-pajjiż, u biex jitrawmu kittieba ġodda minn ħdanha. Ibgħat ix-xogħlijiet tiegħek fl-indirizz editorjali, issieħeb magħna u ħu sehem fil-ħidmiet li nagħmlu minn żmien għal ieħor. Is-sħubija tiswa Lm1 fis-sena.